MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Numru 16/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Paul Hili

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 16 tas-sena 2004, kontra l-akkuzat Paul Hili, li bih huwa gie akkuzat talli :**
1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi kien is-seba w ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, meta Paul Hili kien ghaddej bil-karozza tieghu numru MSP-003 minn Triq San Frangisk, Sliema. Paul Hili kien qieghed isuq il-vettura tieghu f'direzzjoni li kienet ipprojbita meta allura ltaqa' ma' Victor Testa li wkoll kien ghaddej mill-istess triq bil-vettura tieghu, izda fid-direzzjoni ta' kontra minn fejn kien ghaddej Paul Hili, fi triqtu lura d-dar tas-Sliema.

Victor Testa rrimarka b'mod legittimu u civilizzat lil Paul Hili li dana kien qieghed isuq fid-direzzjoni zbaljata. Paul Hili rrisponda lil Victor Testa b'mod goff, pastaz, u anke beda jidghi. Tant Paul Hili kien aggressiv li Victor Testa beda jibza'. U tant beza Victor Testa li ddecieda li jirriversja xi ftit lura sabiex jipplaka lil Paul Hili. B'danakollu, Paul Hili nsista ma' Victor Testa li dana kellu jirriversja lura t-triq kollha.
Victor Testa rrifjuta ghaliex deherlu li Paul Hili kien fit-tort, u li anke seta' b'daqshekk, jaghmel xi manuvra perikoluza.

Kif ra hekk, Paul Hili nehha s-seat belt, hareg mill-karozza w mar fid-direzzjoni ta' Victor Testa jheddu w jisfidah ghall-glied. Victor Testa hareg mill-karozza w mar jistahba warajha, izda Paul Hili gera ghal warajh. Victor Testa beda jipprova jikkalma lil Paul Hili billi jargumenta mieghu b'mod konvincenti w perswaziv u b'mod mill-iktar civilizzat. Kien kollu ghal xejn u Victor Testa ddecieda li jipprotegi ruhu mill-aggressjoni ta' Paul Hili billi jmur fid-dar ta' zitu li kienet toqghod fil-vicin.

Hemmhekk hadd ma fetah lil Victor Testa, w dana f'salt wiehed ftakar li kien halla l-karozza tieghu fin-nofs tat-triq. Dak il-hin ra qasrija w gietu f'mohhu li jaqbadha sabiex, jekk ikun il-kaz, jiddefendi lilu nnifsu biha kontra Paul Hili. Kif Victor Testa kien miexi lura lejn il-karozza tieghu, Paul Hili ostakolah. Mhux talli hekk biss, imma wkoll talli kellu bicca njama hoxna w kbira f'idejh u beda jaghti biha lil Testa fuq rasu. Victor Testa waqa' mal-art u Paul Hili kompla jaghtih biha fuq rasu sakemm intilef minn sensih.

Kien biss bl-intervent ta' xi terzi persuni li allura kienu ghaddejjin minn dik it-triq, li Paul Hili gie mwaqqaf milli jkompli jaghti fuq ras Victor Testa. Wara, Victor Testa ttiehed l-Isptar fejn sarlu intervent kirurgiku malajr ghaliex kien fil-periklu imminenti tal-mewt. Bl-intervent kirurgiku, Victor Testa kellu sbatax-il punt f'rasu w parti mill-iskutella tar-ras kellha tigi mnehhija. Ukoll, bhala konsegwenza diretta, Victor Testa ma setax isuq ghal sena shiha w anke kellu jieqaf milli jkompli bil-hajja sportiva w atletika tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Paul Hili sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Hili hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba snin sa' tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41 (1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fis-27 ta' Frar, 2003, xi t-tmienja w nofs ta' filghaxija, Paul Hili, minkejja li kien jaf li ma setax, iddecieda li jsuq bil-vettura tieghu MSP-003 minn go Triq San Frangisk, Sliema, kontra s-sinjali tat-traffiku li kienu jindikaw li dik it-triq kienet one way, u cioe' li Hili ma setax jghaddi minn dik it-triq fid-direzzjoni li kien ghaddej minnha.

B'hekk gie li Paul Hili sar hati ta' reat kontravvenzjonali talli kiser ir-regolament tas-sinjal tat-traffiku, u cioe' kiser il-"one way".

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Hili hati talli kiser ir-regolament tas-sinjal tat-traffiku, u cioe' kiser il-"one way".

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi u li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' ammenda ta' ghaxar liri Maltin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17 u 18(1) tal-Kapitolu 65, ir-Regolamenti tal-Avviz Legali numru 128 tal-1994 (Regolament numru 271), l-artikolu 2 tal-Kapitolu 291, u fl-artikoli 7(2), 13(1), u 17(c) tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi dejjem fis-27 ta' Frar, 2003, f'xi t-8.30 p.m., gewwa Triq San Frangisk, Sliema, filwaqt li Paul Hili kien involut f'argument jahraq ma' Victor Testa, u filwaqt li l-istess Hili wasal sabiex jaggredixxi fizikament lil Victor Testa, incident li dam sejjer madwar kwarta, l-imsemmi Paul Hili beda jidghi, jghajjat u jsabbat b'bicca njama li kellu f'idejh. Ghajjat u hsejjes li gew kagunati minnu f'nofs it-triq fejn semghuh bosta residenti ta' hemmhekk li allura kienu qeghdin ihejju sabiex jorqdu w jistriehu matul il-lejl. Dan l-ghajjat u hsejjes kagunati minn Paul Hili kien kawza ta' allarm u apprensjoni f'mohh ir-residenti ta' dik it-triq li kellhom il-mistrieh taghhom sfrattat ghal kollox.

B'hekk gie li Paul Hili sar hati ta' reat kontravvenzzjonali kontra l-ordni pubbliku talli bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Hili hati talli kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 338(m), 341, 342, 7(2)(b), 13(1), u 17(c) tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum stess , li bih bi tmin (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Paul Hili hati tal-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w unanimament sabu lill-akkuzat hati tat-Tieni w tat-Tieled Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li l-verdett kien registrabbli.

Tiddikjara ghalhekk lil Paul Hili
1. hati talli fis-27 ta' Frar, 2003 gewwa Triq San Frangisk, Sliema, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna w cioe' lil Victor Testa jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, , w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. Tiddikjara lil Paul Hili hati talli fis-27 ta' Frar, 2003, go Triq San Frangisk, Sliema, saq kontra l-"one way system" bi ksur tar-regolament tas-sinjal tat-traffiku, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. Tiddikjara lil Paul Hili hati talli fis-27 ta' Frar, 2003, gewwa Triq San Frangisk, Sliema, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. Ian Farrugia w is-sottomissjonijiet minnu maghmula w tal-abbli prosekutur Dr. Mark Said dwar il-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni llum stess u li d-difiza hadet konjizzjoni taghha.

Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament izda mhux biss is-segwenti w cioe' :
1. Illi d-difiza ghada temmen li dan ma kienx kaz ta' tentattiv ta' omicidju minkejja li tirrispetta l-verdett;
2. Illi wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-eta' tal-hati;
3. Li l-hati huwa kap ta' familja w ghandu t-tfal;

4. Li l-vittma gie in gran parti riabilitat f'sahhtu w li ghalhekk is-sanzjoni ghandha tkun aktar vicin il-minimu tal-piena stabilita mill-ligi ghal dan ir-reat.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni w cioe' :
1. li l-verdett tal-gurija kien ghamel gustizzja mal-vittma tar-reat li ser jibqa' jsofri minn difetti fizici tul hajtu;
2. li fi zmien fejn l-incidenza tal-arroganza fit-toroq ta' Malta kienet qed tizdied, kien importanti li s-sentenza tal-Qorti turi lis-socjeta' Maltija illi kullhadd huwa skjav tal-ligi anki waqt is-sewqan u dan biex incidenti banali ma jeskalawx f'konsegwenzi serji, kif gara f'dan il-kaz.
3. ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma kienitx ser tinsisti ghall-applikazzjoni tal-piena massima ta' tletin sena prigunerija, lanqas ma kienet thoss li f'dan il-kaz ikun xieraq li l-piena tkun vicin il-minimu ta' seba' snin prigunerija. Ikun xieraq illi l-piena tkun tirrifletti posizzjoni ta' kompromess bejn il-piena minima u dik massima.

Rat il-verbal tad-difiza tal-lum, li sar biss fl-istadju meta l-Qorti regghet harget biex tippronunzja s-sentenza, li bih issottomettiet li l-verdett tal-gurati kien null.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni in risposta tal-istess verbal.

Rat il-provvediment taghha dwar l-istess lanjanza.

Ikkonsidrat :

Illi f'dan il-kaz il-piena minima skond il-ligi hija dik ta' seba' snin prigunerija w dik massima ta' tletin sena prigunerija w ghalhekk il-Qorti hija prekluza milli tikkonsidra xi provvediment alternattiv ghal piena karcerarja.

**Illi kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi" **[30.7.2004] : -**
***"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija <u>b' effett immedjat</u> . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan***

***jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika .*"**

**Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha :** **"**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici" **[11.11.2004] fejn gie ritenut li :-**
*"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali ; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car …..li l-vjolenza fizika ghandha , bhala regola generali , dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Illi ghalkemm il-fedina penali tal-hati mhix wahda reffrattarja w kull ma hemm fiha huma zewg infrazzjonijiet relatati mall-ligijiet u regolamenti tat-traffiku, f'dan il-kaz ma tistax tinjora l-fatt li l-incident in kwistjoni kien kollu kemm hu dovut ghal prepotenza assoluta tal-hati li mhux biss iddecieda li jikser il-ligi tat-traffiku w jinbokka go triq dejqa kontra l-"one way system", imma addirittura meta ltaqa' ma' traffiku gej minn faccata, baqa' jinsisti li minflok irregga lura hu jew inkella jiskappa mis-sitwazzjoni ta' "bottle neck" li holoq hu billi johrog minnufih mit-triq tal-genb, Norfolk Street, li kienet ftit piedi boghod u lura minn fejn huwa waqaf, baqa' jinsisti li Victor Testa ghandu jirriversja lura tul ta' zewg blokki ohra biex johrog bir-reverse fuq Tower Road minn fejn kien dahal fi Triq San Frangisk.

Ir-rizultat ta' din il-prepotenza kien li l-incident baqa' jeskala w meta x-xufier l-iehor li hass ruhu mhedded mar u gab "chamber pot" tac-caqquf biex ibezza' lill-hati, biex forsi dan ihallih jidhol fil-karozza w jitlaq minn hemm, il-hati hass li kellu jsawwtu b'injama illi kellu fil-karozza w li kellha l-ghamla ta' manganell fejn sahansitra kellha skolpiti l-posizzjoni tas-swaba fl-id biex tista' tintuza bhala tali.

Lanqas ma' tista' din il-Qorti tinjora li minhabba l-ferita gravi li sofra Victor Testa huwa kellu jigi operat darbtejn u ser iqatta' hajtu jaf illi toqba f'rasu ta' 3.5 cm X 4.5 cm ser

tibqa’ mkahhla bis-siment, apparti d-difetti fizici ohra li ser jibqa jsofri minnhom.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 7(1)(2), 13(1), 17(d), 22, 23, 41(1)(a), 31, 211, 338(m), u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Artikoli 54 u 55 u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta w ir-Regolamenti 2, Schedule Part II (d) tar-Regolamenti Dwar is-Sinjali tat-Traffiku w Marki tal-Karreggjata (A.L. 94 tan-1969 kif emendat), tikkundanna l-hati Paul Hili ghal piena ta’ hmistax (15) il-sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventtiv biss in konnessjoni ma’ dan ir-reat, kif ukoll tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-perizji f’din il-kawza li jammontaw ghal mitejn u erba’ w tletin liri Maltin u ghoxrin centezmi (LM 234.20c) u tordna l-konfiska tal-injama uzata fl-incident esebita favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------